MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Numru 1/2012

**Att ta' Akkuża numru 1/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Tomasz Andrzej Przewlocki**

**Illum 30 ta' Jannar, 2013**

**Il- Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 1 tas-sena 2012 kontra l-akkuzat Tomasz Andrzej Przewlocki detentur tal-passaport Pollakk numru PA 9414579 u l-karta tal-identita' Pollakka bin-numru 74021909318 li bih huwa gie akkuzat talli:**

**Wara illi l-Avukat Generali ippermetta fl-Ewwel Kap illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u**

**ħdax (2011), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienet instabet sustanza susspettuża ġewwa bagalja appartenenti lil passiġġier ta' Nazzjonalita' Pollakka li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira tal-Airmalta minn Brussels bin-numru KM421 (Airmalta). Meta l-pulizija marru fuq il-post l-akkużat ġie ddentifikat bħala l-persuna li kellu din il-bagalja fil-pussess tiegħu, liema fatt effettivament ġie kkonfermat minnu.**

**Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) kif ukoll fil-jiem ta' qabel, l-akkużat Tomasz Andrzej Przewlocki, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga herojina. L-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jżomm u jittraffika d-droga herojina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat Tomasz Andrzej Przewlocki ġie Malta fil-21 ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) biex jittraffika l-imsemmija droga. Irriżulta wkoll minn dak iddikjarat mill-akkużat stess illi hu kien ġie Malta ftit tal-ġranet qabel ukoll sabiex isib lukanda rħisa u wara tela' Amsterdam fejn kellu jqatta' jumejn. Hemmhekk kien irċieva komunikazzjoni minn persuna oħra ukoll assoċċjata fit-traffikar mal-akkużat fejn ingħata struzzjonijiet jiltaqa' ma' persuna oħra waqt li kien Amsterdam u lil min kellu jgħaddi l-bagalja fejn dan ta' l-aħħar kien ikkonsenja d-droga li sussegwentement instabet ġol-bagalja fil-pussess tal-akkużat. L-akkużat kellu wkoll struzzjonijiet li ġaladarba jasal hawn Malta bid-droga fil-bagalja kif ippakjata u wara li jkun alloġġa ġewwa lukanda f'pajjizna, huwa kellu jiltaqa' ma' persuna u jgħaddilha d-droga in kwistjoni. Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar tal-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) meta wasal fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija. Filfatt minn analiżi u**

**eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament d-droga herojina kif imsemmija fl-ammont ta' elf disa' mija tlieta u desgħin punt tlett grammi (1993.3grammi ekwivalenti għal kwazi zewg kilo) u ċioe' mediċina perikoluża li titqies bħala sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, liema sustanza għandha l-valur ta' wieħed u desgħin Elf sitt mija tnejn u desgħin Euro (€91,692). Irriżulta wkoll min din l-analiżi li mħallat mal-herojina kien hemm ukoll id-Diazepam bil-purita' ta' ċirka 1.0% kif ukoll l-Alprazolam bil-purita' ta' ċirka 2.0% li t-tnejn jikkonstitwixxu benzojdiazepines u li entrambe huma wkoll ikkontrollati taħt il-liġijiet tagħna speċifikatament taħt ti-tielet Skeda Parti B tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Illi b'għemilu l-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki sar ħati talli assoċċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (Herojina u il-benzodjazepines Diazepam u Alprazolam) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, kif ukoll tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.**

**Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, kif ukoll tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u**

**ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 22A, 22B, 22E, 26, 27, 28 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.**

**Wara illi l-Avukat Generali ippermetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġranet ta' qabel u ċioe' kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ minn Amsterdam via Brussel lejn Malta permezz ta' titjira bin–numru KM421(Airmalta), fejn tul il-vjaġġ kollu kellu l-pussess xjenti ta' bagalja kontenenti s-sustanza illegali li nstabet u li sussegwentement irriżultat li hi d-droga herojina, li tirrapreżenta mediċina perikoluża u sustanża illegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens u bl-għarfien tal-akkużat stess, tant li hu xjentement kien jaf l-iskop tal-vjaġġ u tal-kontenut tal-bagalja fil-pussess tiegħu tul il-vjaġġ kollu. Effettivament li kieku l-uffiċjali tad-dwana ma' ndunawx bis-sustanza susspettuża, din il-bagalja kienet ser tghaddi f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru.**

**Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.**

**Illi b'għemilu l-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki sar ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (Herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma kellhux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.**

**Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.**

**Wara illi l-Avukat Generali ippermetta fit-Tielet Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fil-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġranet ta' qabel u ċioe' kif imsemmija fl-ewwel u fit-tieni Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ minn Amsterdam via Brussel lejn Malta permezz ta' titjira bin–numru KM421(Airmalta), fejn tul il-vjaġġ**

**kollu kellu l-pussess xjenti ta' bagalja kontenenti s-sustanza illegali li nstabet u li sussegwentement irriżultat li hi kienet tinkludi d-droga Diazepam u Alprazolam, li jirrapreżentaw benzodiacepines u jikkonstitwixxu mediċina perikoluża u sustanża illegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens u bl-għarfien tal-akkużat stess, tant li hu xjentement kien jaf l-iskop tal-vjaġġ u tal-kontenut tal-bagalja fil-pussess tiegħu tul il-vjaġġ kollu. Effettivament li kieku l-uffiċjali tad-dwana ma' ndunawx bis-sustanza susspettuża, din il-bagalja kienet ser tghaddi f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru.**

**Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa favur l-akkużat taħt it-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.**

**Illi b'għemilu l-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (benzodiacepines Diazepam u Alprazolam) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31) u ċioe' meta' ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanzi li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.**

**Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (benzodiacepines Diazepam u Alprazolam) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi**

**Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 40A, 120A(1)(a),(1B),120A(2)(a)(1), (2A)(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha u r-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż legali 22/1985), l-Avviż Legali 77 tal-1988 u l-Avviż legali 183 tal-1999 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.**

**Wara illi l-Avukat Generali ippermetta fir-Raba` Kap illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, minħabba l-fatt li l-bagalja in kwistjoni kienet indubjament fil-pussess tal-akkużat u minħabba l-fatt li s-sustanza susspettuża li nstabet ġo fiha rriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet tinkludi d-droga herojina u cioe' mediċina perikoluża u llegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża kontra l-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi traffikata. Dan il-fatt kien magħruf u ġie debitament iddikjarat mill-akkużat stess meta' ġie mitkellem mill-pulizija u meta rrilaxxa dikjarazzjoni magħhom volontarjament u skond il-liġi.**

**Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.**

**Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.**

**Illi b'għemilu l-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-**

**reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.**

**Wara illi l-Avukat Generali ippermetta fil-Hames Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel erba kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, minħabba l-fatt li l-bagalja in kwistjoni kienet indubjament fil-pussess tal-akkużat u minħabba l-fatt li s-sustanza susspettuża li nstabet ġo fiha rriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet tinkludi benzodiacepines speċifikatament Diazepam u Alprazolam li hija droga u mediċina kkontrollata, perikoluża u llegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża kontra l-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga u kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi traffikata. Dan il-fatt kien magħruf u ġie debitament iddikjarat mill-akkużat stess meta' ġie mitkellem mill-pulizija u meta rrilaxxa dikjarazzjoni magħhom volontarjament u skond il-liġi.**

**Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanża perikoluża.**

**Illi l-benzodiacepines Diazepam u Alprazolam hija droga perikoluża u kkontrollata taħt id-disposizzjonijiet tat-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha.**

**Illi b'għemilu l-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga benzodiacepines Diazepam u Alprazolam meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Tomasz Andrzej Przewlocki, ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga benzodiacepines Diazepam u Alprazolam meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(1), (2A)(2B), 120A(1)(f)(2)(a)(1) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza**

**dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22/85, Avviżi Legali 77/88 u 183/99 u fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.**

**Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Tomasz Andrzej Przewlocki, tat-13 ta' Jannar, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkuzat Tomasz Andrzej Przewlocki ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal-perijodu ta' tnax (12) il-sena flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tasattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolu [Kap. 101] inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli ta' l-istess akkuzat.**

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.**

**Tiddikjara ghalhekk lil Tomasz Andrzej Przewlocki hati talli:**

**1. Assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, kif ukoll tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;**

**2. Importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;**

**3. Importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (benzodiacepines Diazepam u Alprazolam) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;**

**4. B'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi**

**Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;**

**5. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga benzodiacepines Diazepam u Alprazolam meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu;**

**Ikkunsidrat,**
**Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;**
**Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 22A, 22B, 22E, 26, 27, 28 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u 2(1), 40A, 120A(1)(a), 120A(1)(f), 120A(1A), (1B), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi**

**Perikolużi (Avviz Legali 292/39), r-regolamenti 2, 3(1) u 10(2) tar-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż legali 22/1985), l-Avviż Legali 77 tal-1988 u l-Avviż legali 183 tal-1999 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lil hati Tomasz Andrzej Przewlocki ghal prigunerija ghal-perijodu ta' tnax (12) il-sena flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f' terminu ta' sena prigunerija kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elfjen, tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u wiehed u tmienja u sittin centezmu (€2326,68), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;**

**Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;**

**Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.**

**Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------